MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2020

Appell Inferjuri Numru 59/2009 LM

**Mario Tonna u b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-19 ta' Ġunju, 2019, l-atti ġew trasfużi f'isem Dionne Tonna Trifiro u Kristel Lund Tonna stante l-mewt tar-rikorrenti Mario Tonna**
*(l-appellanti)*

***vs.***

**Edwin Camilleri bħala direttur għan-nom u in rappreżenanza tal-kumpannija L&M Camilleri Ltd**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Dionne Tonna Trifiro u Kristel Lund Tonna li f'isimhom ġew trasfużi l-atti wara l-mewt ta' Mario Tonna,**

[minn issa ʼl quddiem "l-appellanti"], mis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Ottubru, 2019, [minn issa ʼl quddiem "is-sentenza appellata"], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa ʼl quddiem "l-ewwel Qorti"], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tagħhom kontra **Edwin Camilleri bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija L&M Camilleri Ltd** [minn issa ʼl quddiem "l-appellata"] kif ġej:

*"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti:*

1. *fil-waqt li qiegħda tirrevoka* contrario imperio *id-digriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2009;*
2. *tiddikjara li ladarba l-meritu tar-rikors 388/08 fl-istess ismijiet ġie deċiż illum stess, fejn din il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti f'dawk il-proċeduri, m'għadx hemm raġuni valida għalfejn għandha tibqa' sospiża l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv ottenut bl-ittra uffiċjali numru 3648/08 mibgħuta* ai termini *tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
3. *u għaldaqstant tiċħad it-talba fir-rikors promotur.*

*Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri għandhom jiġu subiti mir-rikorrenti, sakemm ma ġiex provdut mod ieħor fis-sentenzi mill-Qorti tal-Appell mogħtija f'dawn il-proċeduri."*

## <u>Fatti</u>

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwarda l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru sussegwenti għan-notifika tal-ittra uffiċjali numru 3648/08 [minn issa ʼl quddiem "l-ittra uffiċjali"] ppreżentata mis-soċjetà appellata fit-2 ta' Settembru, 2008, kontra Mario Tonna, illum mejjet, [minn issa ʼl quddiem "ir-rikorrent"] *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12. L-ittra uffiċjali ġiet

notifikata fit-2 ta' Settembru, 2008, u saret dikjarazzjoni fuqha mir-Reġistratur li din ġiet reża eżekuttiva skont l-imsemmi artikolu tal-Liġi.

3. Ir-rikorrent ma kienx jaf b'dik il-proċedura sakemm irċieva l-mandat ta' sekwestru inkwistjoni kontrih. Huwa mill-ewwel ippreżenta rikors quddiem l-ewwel Qorti fejn talab ir-revoka tal-imsemmi mandat, u dan filwaqt li kontestwalment iddepożita garanzija bankarja għall-ammont mitlub permezz ta' ċedola. L-ewwel Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent proviżorjament permezz tad-digriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2009, u sussegwentement ikkonfermat dak id-digriet fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2009, filwaqt li ordnat li s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-proċeduri pendenti rikors numru 388/08CSH jiġu deċiżi b'mod finali.

**<u>Mertu</u>**

4. Ir-rikorrent istitwixxa dawn il-proċeduri permezz tal-preżentata ta' rikors quddiem l-ewwel Qorti fit-13 ta' Frar, 2009, fejn talab għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv pendenti s-smigħ tar-rikors numru 388/08CSH quddiem l-istess l-ewwel Qorti.

5. Fil-mori tal-proċeduri odjerni, is-soċjetà appellata fis-17 ta' Novembru, 2010, ippreżentat risposta fejn iddikjarat li hija ma kienetx qiegħda topponi għat-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv derivanti mill-ittra uffiċjali eżekuttiva numru ta' referenza 3648/08, iżda dan sakemm ma

jkunx hemm deċiżjoni definittiva dwar ir-rikors fl-istess ismijiet numru 388/08CSH li kien qed jinstema' quddiem l-ewwel Qorti.

## **Is-sentenza appellata**

6. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidrat:*

*Illi f'dan ir-rikors, ir-rikorrenti qed jitlob li din il-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv premess u dan pendenti l-proċeduri pendenti quddiem din il-Qorti fl-istess ismijiet rikors numru 388/08. Fir-risposta tagħha, is-soċjetà intimata ma oġġezzjonatx għal din it-talba. Għalhekk l-eżitu tar-rikors promotur odjern jiddependi totalment mill-eżitu tar-rikors numru 388/08.*

*Ir-rikors numru 388/08 fl-istess ismijiet premessi, ġie deċiż b'sentenza tal-lum stess, u għar-raġunijiet hemm esposti, din il-Qorti* inter alia *ċaħdet it-talbiet fir-rikors promotur ta' dawk il-proċeduri.*

*Għalhekk, ma għadx hemm raġuni valida għalfejn tibqa' viġenti s-sospensjoni proviżorja tal-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv skont id-digriet tal-20 ta' Frar 2009."*

## **L-Appell**

7. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fid-29 ta' Ottubru, 2019, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet kollha tagħhom, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellata. Filwaqt li jgħidu li l-aggravji tagħhom huma ċari u manifesti, l-appellanti

jagħmlu riferiment għas-sottomissjonijiet tagħhom kif magħmula fir-rikors tal-appell li huma ppreżentaw kontestwalment, numru 388/08 fl-istess ismijiet.

8. Is-soċjetà appellata laqgħet permezz ta' risposta ppreżentata fil-21 ta' Novembru, 2019, fejn issottomettiet li s-sentenza appellata kienet waħda korretta u għandha tiġi konfermata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. Din il-Qorti tikkunsidra li b'sentenza ta' llum stess fl-atti tar-rikors numru 388/2008, ġiet konfermata d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, filwaqt li ġie miċħud l-appell tal-appellanti. B'hekk illum ġie deċiż b'mod finali li n-notifika tal-ittra uffiċjali eżekuttiva numru 3648/2008, ippreżentata mis-soċjetà appellata kontra r-rikorrent li huwa l-awtur tal-appellanti, hija waħda valida u bħala konsegwenza t-talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' dik l-ittra uffiċjali eżekuttiva pendenti l-proċeduri msemmija m'għadhiex aktar valida.

## Decide

**Għal din ir-raġuni l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, anki dwar il-kap tal-ispejjeż.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern jitħallsu mill-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**